KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

20 ta' Settembru 2011

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Wiehed u Sittin (61) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Wiehed u Sittin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 5 ta' Settembru 2011 fis-1.30pm.**

Il-Wiehed u Sittin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-perjodu sal-31 ta' Ġunju 2011
6. Skema ta' Parkegg Residenzjali
7. Bankini u asfaltar fi Triq l-Argotti/ Triq l-Iljun
8. Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena
9. Servizz ta' Tabib lill-impjegati waqt is-Sick Leave
10. White Paper dwar Swieq fil-Beraħ
11. Il-Polverista ta' Ġnien Vilhena
12. Ġenna ta' Ġonna …u ħafna aktar!
13. Għażla tal-offerti :
    FLC/Q/09/11 - Tneħħija tal-Arblu
    FLC/Q/10/11 - Provvista u Twaħħil ta' strippi tad-dawl mal-loġoġ ta' Sant'Anna
    FLC/Q/11/11 - Provvista ta' Showcases
14. Tqassim ta' Rigali fil-Milied
15. Festival Nazzjonali tal-Logob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
16. Asfaltar ta' Toroq
17. Ħwejjeg Oħra
18. Aġġornament tal-laqgħa

Ghall-Wiehed u Sittin (61) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili attendiet wara materja nru 1.1.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-Sittin (60) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

**Nota: 13:40 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili attendiet ghal-laqga.**

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezjoni ta' materja nru 3.3 li ghandha taqra "Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku dwar tinda ta' hanut fi Triq il-Kapuccini li kienet qed tghatti tabella tal-iskema ta' parkegg residenzjali."

1.3 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici-Sindku Franco Davies u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Centro Studi ed Iniziative Europeo fejn informaw lill-Kunsill b'opportunita' ta' studju go Sqallija ghaz-zghazagh Furjanizi. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni biex il-lokalita' tigi nkluza f'dan il-progett.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand My Destination Malta fejn offrew lill-Kunsill li jirreklamaw tmien siti turistici fil-Floriana fuq is-sit taghhom ghall-prezz ta' €295. Il-Kunsill approva.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Malta Basketball Association fejn offrew lill-Kunsill jiehu sehem f'inizjattiva li kienu qed iniedu biex jippromwovu l-basketball fil-lokalitajiet Maltin. Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel ukoll li ghandu jiddiskuti din l-inizjattiva mal-Floriana Basketball Club.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li xtaq li jigi nnominat is-Sur Giovanni Buttigieg ghas-sotto-kumitat tar-Relazzjonijiet Lokali u Internazzjonali. Il-Kunsill qabel nem.con.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bi procedura li kienu qed isegwu xi kunsilli fejn tinhareg sejha ghall-offerti ghall-armar ta' kjoskijiet u tilari matul il-festa tar-rahal. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier responsabbli mill-kultura ghandu jiehu hsieb jivverifika x'tinkludi ezatt din is-sejha ghall-offerti.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Network Publications fejn talbu permess biex tigi organizzata attivita' fuq il-Fosos mill-24 sas-27 ta' Mejju 2012. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob iktar dettalji inkluz pjanta dettaljata ta' x'ser ikun hemm fuq il-Fosos.

**Nota: 14:00 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn offrew lill-Kunsill jiehu hsieb it-trasport ghall-harga ghal Ghawdex li qed jorganizzaw konguntament mal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana F.C. fejn offrew lill-Kunsill jghin fix-xoghol ta' kostruzzjoni li kien ser isir sabiex tizdied is-sigurta' fil-klabb taghhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattjahom u jitlob iktar dettalji ta' x'tinvolvi t-talba qabel ma jiehu decizjoni.

**Nota: 14:10 Il-Kunsilliera Sandra Sammut irritornat ghal-laqgha.**

2.9 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-ammont t'ilmenti li l-Kunsill kien qed jircievi ta' kuljum dwar is-servizz ta' gbir ta' skart. Huwa ghamel riferenza wkoll ghall-gbir ta' skart mill-hwienet u ppropona li l-Kunsill jaghmel kuntatt mal-Greenpak u jitlobhom kopja tal-ligi l-gdida tal-packaging waste. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob lill-Greenpak biex jestendu s-servizz taghhom ghall-gbir ta' skart (kartun biss) mill-hwienet li hemm f'toroq ohrajn, apparti Triq Sant'Anna.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-knis tat-toroq u heggeg lill-Kunsilliera biex jekk jinnotaw li xi triq mhux qed tinkines skont il-kuntratt, ghandhom jiehdu l-azzjoni necessarja billi jew ikellmu lill-kuntrattur jew f'kaz ta' nuqqas ripetittiv, jiehdu azzjoni billi anke jipproponu multi.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn ghamlu riferenza ghall-premjijiet moghtija mill-Kunsill b'mod annwali u ssuggerew li titnehha l-klawsola 5 mir-regolamenti tal-Kunsill, jigifieri li l-premjijiet jibdew jinghataw lill-iktar persuna/ghaqda li l-iktar ikollha nominazzjonijiet. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li gieli jigu nnominati persuni/ghaqdiet li ma jkollhom xejn x'jaqsmu mal-kriterji jew mal-premju nnifsu u ghalhekk ihoss li jrid ikun hemm bord regolatorju biex jiccertifika li l-premju moghti jkun skont il-kriterji.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal-linji gwida godda mahruga minn Transport Malta u nforma lill-Kunsill li ser ikollhom jitnehhew xi reserved parking bays minn quddiem xi dipartimenti. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika liema dipartimenti huma intitolati ghal reserved parking bay u liema le. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinforma bil-miktub lil dawk id-dipartimenti li m'ghadhomx intitolati ghall-parkegg riservat, kif ukoll lil Transport Malta, u jinformahom li r-reserved parking bays ser jitnehhew fi zmien gimgha.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-laqgha li kellhom hu u l-Vici-Sindku mal-amministrazzjoni tal-isptar Sir Paul Boffa fejn gew mitluba iktar spazji ta' parkegg minhabba li dawk ipprovduti ma kienux bizzejjed ghall-ammont ta' nies li jzuru l-isptar kuljum. Il-Kunsill qabel li ladarba jridu jitnehhew ir-reserved parking bays minn quddiem id-Dipartiment tal-Health Primary Care skont il-linji gwida mahruga minn Transport Malta, dawn l-ispazji ghandhom isiru spazji risevati ghall-pazjenti. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jiehu hsieb iwahhal tabella li tindika b'mod car li kull min jipparkja f'dawn l-ispazji jrid l-ewwel jottjeni permess mir-reception desk tal-Isptar Sir Paul Boffa, dan sabiex jigi evitat li l-pazjenti li jipparkjaw f'dawn l-ispazji jitharrku bla bzonn.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Victor Rizzo fejn ippropona li titnaddaf il-mina tal-ferrovija biex tkun tista' tinfetah waqt l-attivita' Genna ta' Gonna… u hafna aktar! Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob stima ghat-tindif tad-dahla tal-mina u tal-istazzjon tal-ferrovija.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ing. Vincent Rapa fejn informa lill-Kunsill bl-alternattivi li kellu fir-rigward tal-irrangar tad-dawl fi Gnien Vilhena. Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jirranga s-sistema tal-elettriku fi Gnien Vilhena u jinstalla fanali godda, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, VB, FD, ET, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill b'attivita' bl-isem ta' Festival Kutrumbajsa miftuh ghat-tfal u z-zghazagh.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-impjegata Fiona Said fejn talbet estensjoni ta' sena ghall-kuntratt taghha ta' telework. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li tali talba kellha tkun indirizzata lis-Segretarju Ezekuttiv u mhux lis-Sindku u lill-Kunsilliera minhabba li skont il-procedura jrid ikun hu li jaghti r-rakkomandazzjoni tieghu u jressaq din it-talba quddiem il-

Kunsill. Ghaldaqstant is-Sindku sostna li l-materja tieqaf hawn sakemm is-Sinjorina Said tressaq it-talba kif suppost. Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat wiegeb li huwa ddizapuntat hafna kif s-Sinjorina Said qabbzitu u lanqas biss kellmitu fuq it-talba taghha, izda xorta m'ghandu xejn kontra li l-Kunsill jiddiskuti t-talba taghha sakemm huwa jinghata l-opportunita' li jressaq l-opinjoni tieghu. Il-Kunsill qabel li jkompli bid-diskussjoni fejn is-Segretarju Ezekuttiv spjega li huwa kontra li tigi milqguha t-talba ghal dawn ir-ragunijiet :

i) il-ftehim kien ta' sentejn sakemm it-tifla taghha tkun ghalqet sentejn u tkun tista' tibghatha go *nursery*. Is-sentejn ghaddew u l-ftehim ghandu jinzamm fuq punt ta' rgulija jekk xejn.
ii) in-nuqqas ta' prezenza fizika ta' impjegat fis-segreterija ihalli impatt fuq il-haddiema l-ohrajn;
iii) is-segreterija hasset in-nuqqas ta' prezenza taghha fis-sentejn li ghaddew tant li dan in-nuqqas ma jistax jigi estiz ghaliex ikompli jhalli impatt negattiv fuq l-efficjenza tal-istess segreterija;
iv) jkompli jitkabbar it-terminu ta' zmien koncess li johloq precedent li jista' jkollu impatti drastici fuq is-segreterija fil-futur.

F'nofs id-diskussjoni, il-Kunsillier Edward Torpiano talab biex jittiehed vot, liema talba giet michuda mis-Sindku sakemm tigi ezawrita d-diskussjoni. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili qalet li hija favur it-talba sakemm jinzamm id-dritt li l-Kunsill iwaqqaf dan it-telework f'kaz li jkun hemm xi impjegata ohra li tista' tigi bzonn it-telework. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li d-dritt li jitwaqqaf it-telework qieghed hemm dejjem, filwaqt li xtaq jirregistra li huwa kontra ladarba s-Segretarju Ezekuttiv qed jirrakkomanda kontra, ghaliex hadd hlief is-Segretarju Ezekuttiv ma jaf x'jinvolvi x-xoghol fis-segreterija. Il-Kunsillier Vince Borg qal li huwa favur it-talba sakemm dan huwa skont il-ftehim kollettiv u anke peress li ladarba ga inghatalha fil-passat ma jarax ghalfejn ma ghandux jiggedded ghal sena ohra. Il-Vici-Sindku Franco Davies sostna li huwa joqghod fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv.

Minkejja r-rakkomandazzjoni kontrarja tas-Segretarju Ezekuttiv, il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex il-Kunsill japprova l-estensjoni ta' sena ghall-kuntratt ta' telework lill-iskrivana Fiona Said, issekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (ET, SSH, VB)
Kontra: 2 (NH, FD)
Astensjonijiet: 0

Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat informa lill-Kunsill li huwa ser iressaq talba ghat-telework fil-laqgha li jmiss peress li huwa jinsab fl-istess sitwazzjoni tas-Sinjorina Said u jispera li jinghata l-istess trattament minghajr diskriminazzjoni.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghamlet riferenza ghac-childcare centre li nfetah fil-Floriana u saqsiet lis-Sindku Nigel Holland jekk kienx veru li s-single parents kellhom priorita' fuq ir-residenti Furjanizi fl-uzu tac-centru. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghandu jivverifika jekk dan huwiex minnu.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li t-tennis court kien ghadu ma tnaddafx u saqsa jekk il-Kunsill jistax jimmulta lill-kuntrattur ta' dan in-nuqqas. Is-Sindku wiegeb li l-kuntrattur kien informa lil wiehed mill-Kunsillieri li ser idum ma jnaddaf it-tennis court minhabba li kellu xi xoghol iehor tal-Kunsill.

3.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku jekk jistax jitwahhal punch clock fil-kamra tal-watchman fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V dan sabiex il-Kunsill ikun jaf jekk humiex qed jitnaddfu l-lattrini kull filghodu. Il-Kunsill qabel li ghandu jwahhal punch clock sabiex jigi kkontrollat it-tindif tal-

latrini.

3.4 Il-Kunsillier Vincent Borg fakkar fl-installazzjoni ta' linja gdida tat-telefon biex ikunu jistghu jibdew jithaddmu l-kameras tas-sigurta' fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

3.5 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward il-protest gudizzjarju li l-Kunsill ghamel fil-konfront tas-sistema l-gdida tal-infurzar lokali. Is-Sindku wiegeb li tali protest gudizzjarju kellu jsir bilfors sabiex il-Kunsill ma jkunx espost ghat-tfittxija tad-danni minhabba li l-kuntratt li kellu mal-kumpanija tal-gwardjani lokali kien ghadu ma spiccax u kellu jigi tterminat hesrem.

**Nota: 14:40 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 55/05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni l-pagamenti indikati bhala cekk nru 9837 - 9892.

4.3 Il-Kunsill qabel nem.con li c-cekk bin-numru 9904 pagabbli lis-Sur Antoine Paul Farrugia ghandu jithallas wara li l-Perit tal-Kunsill ikun ivverifika x-xoghol ta' tqeghid ta' kurduna fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

4.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 9837 - 9892, bir-rizultat:

Favur: 4 (SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 14:40 Is-Sindku Nigel Holland irritorna ghal-laqgha.**
**14:45 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 5.0 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-perjodu sal-31 ta' Ġunju 2011

5.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega fid-dettal ir-Rapport Finanzarju ghall-perjodu sal-31 ta' Gunju 2011.

6.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport finanzjarju imsemmi hawn fuq, il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, favur l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzarju ghall-perjodu sal-31 ta' Gunju 2011, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, SSH, FD, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 14:50 Il-Kunsillier Edward Torpiano irritorna ghal-laqgha.**

## 6.0 Skema ta' Parkegg Residenzjali

6.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg jiftah id-diskussjoni minhabba li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

6.2 Il-Kunsillier Vincent Borg beda billi ghamel riferenza ghal kaz ricenti fejn dixxendent gie moghti permess taht l-iskema ta' parkegg residenzjali fuq karozza tax-xoghol. Huwa gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'kaz simili li sehh xi zmien qabel, il-Kunsill kien talab lid-dixxendent jipprovdi affidavit.

6.3 Il-Kunsill qabel li dan in-nuqqas kien sar bi zvista u ladarba kien hemm precedent, ghandu jimxi mal-istess procedura u jitlob affidavit lil dan l-individwu wkoll.

6.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill iressaq mozzjoni matul il-laqgha tal-Kumitat Regjonali fejn jipproponi li l-flus migbura mic-citazzjonijiet mahruga f'kull lokalita' ghandhom jinghataw lil-lokalita' rispettiva fejn inghatat ic-citazzjoni. Il-Kunsill qabel nem.con.

## 7.0 Bankini u asfaltar fi Triq l-Argotti/ Triq l-Iljun

7.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kienu saru diversi laqghat fuq il-post sabiex ikun jista jinbeda x-xoghol tal-bankini u tal-asfaltar fi Triq l-Argotti u fi Triq l-Iljun.

7.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Perit tal-Kunsill biex jivverifika jekk l-istima moghtija mill-Housing hiex konformi mal-ftehim li l-Kunsill kien ghamel maghhom.

7.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinforma bil-miktub lill-Water Services Corporation li kien ser jibda xoghol t'asfaltar fi Triq l-Argotti.

## 8.0 Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena

8.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi nforma lill-Kunsill li l-preparamenti ghac-Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena kienu mixjin sew u li l-maggoranza tal-programm ghal din l-attivita' kien kwazi gie ffinalizzat u kien ghad jonqos biss xi decizjonijiet zghar.

8.2 Is-Sindku kompla billi nforma lill-Kunsill b'zewg kwotazzjonijiet li kienu gew mitluba lil gruppi Born to be Jovi u Abba Angels. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkonferma l-grupp Abba Angels ghal din l-attivita'.

8.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jikkonferma t-troupe ta' folk dancers ghal dakinhar tal-attivita'.

8.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ladarba l-programm kien gie ffinalizzat, kellu johrog sejha ghall-offerti ghad-Drittijiet Esklussivi għal bejgħ ta' xorb u ikel f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena.

8.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li minflok kaxxa tan-nar wahda li tinharaq minn hdejn il-Bank Centrali, jinharqu erbgha kaxex differenti minn Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel fil-principju.

## 9.0 Servizz ta' Tabib lill-impjegati waqt is-Sick Leave

9.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega f'iktar dettall din il-materja minhabba li kien hu li talab li titpogga fuq l-agenda.

9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq proposta biex il-Kunsill jimpjega tabib li jkun jista' jassisti lill-impjegati tal-Kunsill f'kaz ta' mard.

9.3 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandha tinhareg sejha ghall-offerti ghall-servizz ta' tabib waqt is-sick leave.

## 10.0 White Paper dwar Swieq fil-Beraħ

10.1 Is-Sindku Nigel Holland spjega li l-Kunsill gie mitlub jghaddi l-kummenti tieghu ghall-whitepaper li harget fir-rigward ta' swieq fil-berah.

10.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq proposti biex jitlob kumpens ghall-ispejjez li jaghmel il-Kunsill fejn jidhol tindif, tpoggija ta' facilitajiet sanitarji, marki tal-posti, impjieg ta' gwardjani lokali ghall-attendenza, titjib fl-ambjent taz-zona u spejjez amministrattivi.

10.3 Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob li jigi stabbilit perjodu ta' zmien biex isir appell u perjodu stipulat biex il-Kunsill ikun avzat mill-Bord tal-Appelli li jkun sar appell, dan sabiex ma jkunx hemm konfuzjoni fl-allokazzjoni ta' posti lil dawk il-bejjiegha li jkunu fuq il-waiting list.

## 11.0 Il-Polverista ta' Ġnien Vilhena

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ghamel riferenza ghall-istat abbandunat li tinsab fih il-Polverista fi Gnien Vilhena.

11.2 Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier responsabbli mill-kultura ghandu jiehu hsieb jaghmel kuntatt ma' Din l-Art Helwa u jistaqsi jekk humiex interessati fir-ristawr taghha.

## 12.0 Ġenna ta' Ġonna …u ħafna aktar!

12.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici-Sindku Franco Davies jiftah il-materja minhabba li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

12.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa li s-servizz ta' ferrovija ghal dakinhar ta' din l-attivita' kien gie kkonfermat u kien ghad fadal biss li tigi stabbilita rotta li tigi segwita dakinhar.

12.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li l-Kurja tal-Arcisqof kienu kkonfermaw il-partecipazzjoni taghhom ghal din l-edizzjoni ta' Genna ta' Gonna... u hafna aktar!!

12.4 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill jaghmel kuntatt mal-Floriana F.C. u jipproponi li tinfetah is-sala tat-trofej dakinhar tal-attivita'. Il-Kunsill qabel.

12.5 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li kien talab xi kwotazzjonijiet ghall-kiri ta' bords ghal matul l-esebizzjoni li ser issir dakinhar tal-attivita' fid-Dar tal-Kunsill. Huwa kompla jghid li dawn il-kwotazzjonijiet kien iccirkolahom lill-Kunsilliera permezz ta' memo interna.

12.6 Il-Vici-Sindku Franco Davies ippropona li jinkera projector u screen li fuqu jintwerew siti

fil-Floriana migbuda fi 360 gradi. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

12.7 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li kien ghamel kuntatt mal-Valletta Waterfront u talabhom jiehdu sehem f'din l-attivita' billi jifthu l-kappella li hemm. Il-Kunsill qabel li ghandu joffrilhom l-opportunita' li jirreklamalhom xi attivita' li jkunu jixtiequ jtellghu dakinhar ta' Genna ta' Gonna... u hafna aktar!!

12.8 Il-Vici-Sindku Franco Davies kompla jghid li l-SPCA u d-Dogs Trust kienu wrew interess jiehdu sehem fl-attivita' u ppropona li l-Kunsill joffrilhom Gnien Herbert Ganado biex fih itellghu attivitajiet edukattivi, dog walks, ecc. matul l-attivita'.

## 13.0 Għażla tal-offerti :

### 13.1 FLC/Q/09/11 - Tneħħija tal-Arblu

13.1.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano biex tintaghzel l-offerta' tas-Sur Dion Galea fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta', bir-rizultat kien:

Favur: 5 (SSH, ET, NH, FD, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 13.2 FLC/Q/10/11 - Provvista u Twaħħil ta' strippi tad-dawl mal-loġoġ ta' Sant'Anna

13.2.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jikkonsulta mal-Enemalta qabel ma tittiehed decizjoni dwar din is-sejha ghall-offerti.

### 13.3 FLC/Q/11/11 - Provvista ta' Showcases

13.3.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tintaghzel l-offerta' tas-Sur Karl De Flavia fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta'.

## 14.0 Tqassim ta' Rigali fil-Milied

14.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg biex jiftah id-diskussjoni minhabba li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

14.2 Il-Kunsillier Vincent Borg beda billi ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill li jorganizza tqassim ta' rigali fil-jiem tal-Milied. Huwa ppropona li l-Kunsill jimpjega Father Christmas li jqassam ir-rigali mixtrija mill-genituri stess, lit-tfal f'dawn iz-zminijiet. Il-Kunsill qabel.

14.3 Il-Kunsill qabel ukoll li t-tqassim tar-rigali ghandu jsir dakinhar stess tal-Milied, minn filghodu sa filghaxija.

**Nota: 17:20 Il-Vici-Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat.**

## 15.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

15.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li l-edizzjonijiet tal-Festival tal-Loghob tan-Nar kienu kollha ta' success izda kien hemm bzonn li jizdied in-numru ta' kmamar tan-nar li jiehdu sehem fil-festival.

15.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat ittra lill-ghaqdiet tan-nar Maltin u Ghawdxin biex jinformahom bl-edizzjoni tal-festival li jmiss u jheggighom jiehdu sehem. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jorganizza laqgha fejn jigi diskuss il-festival u jintlaqghu proposti u suggerimenti biex titjieb l-edizzjoni li jmiss tal-festival.

## 16.0 Asfaltar ta' Toroq

16.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg biex jiftah id-diskussjoni minhabba li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

16.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li x-xoghol t'asfaltar f'Lascaris Wharf ghandu jibda dik il-gimgha.

16.3 Il-Kunsill qabel li hemm bzonn li jsir xoghol t'asfaltar fi Pjazza Papa Gwanni XXIII u qabel li ghandu jinforma lill-kuntrattur biex possibilment dan ix-xoghol isir wara x-xoghol ta' Lascaris Wharf.

## 17.0 Ħwejjeg Oħra

17.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili nformat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn residenta li talbitha biex issir railing mal-hajt ta' barra tal-blokka t'appartamenti li hemm fi Triq il-Fosos. Il-Kunsill qabel.

17.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili pproponiet li jinzebghu il-bankijiet ta' fuq il-Fosos iz-zghar ta' magenb il-polyclinic minhabba li z-zebgha kienet tqaxxret. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 18.0 Aġġornament tal-laqgħa

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 3 t'Ottubru 2011 fl-4.00pm.

Il-laqgha ntemmet fis-17.40.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |